**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2006**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA STUDJI SOĊJALI ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem : ___________________________ Klassi ______________**

**Taqsima A**
**Imla l-vojt b'dawn il-kliem :**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| rwol | opinjoni | d-drittijiet | talent | obbligatorja |
| edukazzjoni | personalità | responsabbli | għaqda volontarja | is-soċjalizzazzjoni |

1) Kulħadd kapaċi jagħmel xi ħaġa: min ipinġi, min ikanta, u min idoqq; għalhekk ngħidu li kulħadd għandu xi ____________________.
2) Meta naqra gazzetti differenti u nitgħallem nisma' lil ħaddieħor nitgħallem nifforma ________________ .
3) Kull ċittadin għandu jgawdi __________________ li jħarsu l-bżonnijiet tiegħu fis-soċjetà.
4) L-iskola hija __________________ f'pajjiżna biex it-tfal jingħataw l-opportunità kollha li jitgħallmu.
5) L-iskola tgħallem lit-tfal l-edukazzjoni biex meta jikbru jkunu ċittadini ________________ .
6) It-televiżjoni jista' jkun mezz ta' ____________________ kif ukoll ta' divertiment.
7) Kull individwu għandu l-identità u l- ____________________ tiegħu.
8) Ħafna żgħażagħ jagħtu l-ħin tagħhom lil xi _________________ ____________________ għall-ġid ta' ħaddieħor.
9) __________________ tgħinna nitgħallmu n-normi tal-grupp.
10) Kull persuna għandha r- ____________________ tagħha fis-soċjetà. **Total 10 Marki**

**Taqsima B**
**Agħmel sing taħt it-tajba.**

1) Il-familja, l-iskola u l-ħbieb huma kollha gruppi (soċjali, personali, individwali).
2) Il-komunità fejn noqgħod jien tissejjaħ (internazzjonali, lokali, nazzjonali).
3) Fuq il-karta ta' l-identità nsib informazzjoni (dwar il-familja, dwar is-soċjetà, dwari).
4) Malta qiegħda (fl-Afrika, viċin l-Awstralja, fin-nofs tal-Mediterran).
5) Il-proċess ta' soċjalizzazzjoni jgħinni biex nifhem kif għandi nġib ruħi ma' l-oħrajn (fuq tal-linja, fiċ-ċinema, fis-soċjetà).
6) Jien għandi nagħmel minn kollox biex nidher (maħmuġ, b'saħħti, traskurat).
7) Quddiem in-nies għandi nuri kemm jien (għażżien, injorant, moħħi hemm).
8) Ma' l-oħrajn għandi nkun (egoist, kattiv, ġeneruż).
9) Ġewwa l-iskola għandi nġib ruħi b'mod (storbjuż, edukat, mistħi).
10) Mal-ħbieb tiegħi għandi nkun (giddieb, sinċier, mhux ta' min jafdani). **Total 10 Marki**

**Taqsima Ċ**

Semmi:

1) Żewġ livelli ta' soċjalizzazzjoni a) ______________________

b) ______________________

2 marki

2) Żewġ eżempji ta' gruppi soċjali a) ______________________

b) ______________________

2 marki

3) Żewġ aspetti ta' identità a) ______________________

b) ______________________

2 marki

4) Żewġ tipi ta' ambjent a) ______________________

b) ______________________

2 marki

5) Żewġ Aġenziji Internazzjonali a) ______________________

b) ______________________

2 marki

**Total 10 Marki**

**Taqsima D**

**Qabbel il-kolonna A mal-kolonna B billi tikteb numru fil-kolonna tan-nofs.**

| A | | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | Interazzjoni soċjali | | Iċ-ċirku ta' ħbieb l-aktar li niltaqa' magħhom u li jħallu effett fuqi. |
| 2. | Normi | | Il-kompjuter, ir-radju, il-gazzetti, il-kotba u t-televiżjoni. |
| 3. | Valuri | | Wieħed jgħin lill-ieħor. |
| 4. | Nies qegħda | | Tħossok ħaġa waħda ma' ħaddieħor. |
| 5. | 'Peer group' | | Il-mod kif ngħixu, nilbsu, nitkellmu u niddevertu. |
| 6. | Relazzjoni soċjali | | Regoli li għandhom imexxu l-għemil u l-imġiba fis-soċjetà. |
| 7. | Għajnuna reċiproka | | Relazzjonijiet li nibnu bejnietna fis-soċjetà. |
| 8. | Mezzi ta' komunikazzjoni | | Dak li naf li hu tajjeb u ta' ġid għalija. |
| 9. | Stil ta' ħajja | | Nies li jridu jaħdmu iżda ma' jsibux xogħol. |
| 10. | Solidarjetà | | Rabtiet li jikbru bejn il-membri tas-soċjetà. |

**Total 10 Marki**

**Taqsima E**

1. Semmi żewġ dmirijiet li għandek bħala ċittadin Malti.

4 marki

2. Semmi żewġ drittijiet li għandek bħala ċittadin Malti.

4 marki

3. Semmi żewġ affarijiet li nitgħallmu permezz tal-proċess tas-soċjalizzazzjoni.

4 marki

4. Semmi żewġ affarijiet li aħna naqsmu bejnietna waqt l-interazzjoni soċjali.

4 marki

5. Semmi żewġ valuri li inti temmen fihom.

4 marki

**Total 20 Marka**

**Taqsima F**
**Imla l-vojt b'dawn il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| riċiklaġġ | egoiżmu | liġijiet | dmirijiet | duħħan |
| turisti | primarju | emozzjonali | W.H.O | drenaġġ |

1. L-obbligi tagħna lejn is-soċjetà jissejħu ______________________________ .
2. Relazzjonijiet ta' mħabba huma relazzjonijiet ______________________________.
3. Il-familja hi aġent ______________________________ ta' soċjalizzazzjoni.
4. L-ordni fil-pajjiż tinżamm permezz ta' ______________________________.
5. L- ______________________________ jġib il-firda fis-soċjetà.
6. Id- ______________________________ iħammeġ l-ilma.
7. Il-karozzi jagħmlu ħsara kbira lill-ambjent minħabba d-___________________________ li jarmu.
8. L-użu ta' materjal għal aktar minn darba jissejjaħ ______________________________.
9. ______________________________ huma barranin li jiġu jżuru Malta.
10. Il- ___________________________ hi għaqda li tieħu ħsieb problemi tas-saħħa madwar id-dinja.

**Total 10 Marki**

**Taqsima Ġ**
**X'jissejjaħ:**

1. Il-post fejn jgħaddu l-liġijiet. ______________________________
2. Dokument legali biex insiefru bih. ______________________________
3. Il-kapaċitajiet tiegħi. ______________________________
4. Post minn fejn nissellef il-kotba. ______________________________
5. Għaqda li taħdem fil-komunità mingħajr ħlas. ______________________________
6. Sustanza li tagħmilli ħsara f'saħħti. ______________________________
7. Għaqda ta' nies mibnija fuq trobbija u mħabba. ______________________________
8. Membri tas-soċjetà. ______________________________
9. Fiha isem, kunjom, ritratt u ċittadinanza. ______________________________
10. Kotba, gazzetti, radju, televiżjoni, kompjuter. ______________________________

**Total 10 marki**

**Taqsima G**
**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma.**

1. Il-kultura Maltija.
2. Ikteb dwar il-proċess ta' soċjalizzazzjoni.
3. Il-ħsara li qiegħda ssir fuq l-ambjent.
4. L-effetti tal-'Mass Media' fuqna.

**Total 20 Marka**